Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# X'għandek tistenna fil-jum tal-vaċċinazzjoni COVID-19 fil-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani

## Informazzjoni għar-residenti, il-familji, il-kerers u l-maħbubin tiegħek

Il-Gvern Awstraljan għandu strateġija biex iwassal vaċċini COVID-19 lil kulmin jgħix fl-Awstralja.

Ħaddiema u għar-residenti tal-kura residenzjali tal-anzjani se jkunu fost l-ewwel nies li jistgħu jagħżlu li jirċievu vaċċin COVID-19. Din hija parti mill-ewwel fażi (Fażi 1a) tal-istrateġija ta' introduzzjoni nazzjonali tal-vaċċin COVID-19 tal-Awstralja.

Il-vaċċinazzjoni COVID-19 għall-ħaddiema u għar-residenti tal-kura residenzjali tal-anzjani se jsir f'faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani. Il-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani ser tavżak meta ser tkun il-ġurnata tal-vaċċinazzjoni tiegħek.

Dan id-dokument jagħtik, lill-familja tiegħek, lill-kerers u lill-maħbubin tiegħek informazzjoni dwar dak li tista' tistenna qabel, u fil-jum tal-vaċċinazzjoni tiegħek.

## Qabel il-jum tal-vaċċinazzjoni

- Il-Gvern Awstraljan se jara li l-vaċċini jitwasslu fil-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani.
- Il-Gvern Awstraljan irrekluta wkoll numru ta' ħaddiema kliniċi li se jżżuru l-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani u jagħtu l-vaċċin lir-residenti u lill-istaff. Dawn il- ħaddiema kliniċi se jaħdmu mill-qrib ħafna mal-faċilità tiegħek qabel il-ġurnata tal-vaċċinazzjoni biex jippjanaw u jiżguraw li l-ġurnata tal-vaċċinazzjoni taħdem b'mod sigur u effiċjenti.
- Il-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani se titolbok, u lis-sostitut tiegħek li jieħu d-deċiżjonijiet (jekk ikun hemm wieħed), biex tagħtu l-kunsens li tirċievi l-vaċċin COVID-19.
    - Int tista' tuża l-informazzjoni sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni infurmata dwar il-vaċċinazzjoni COVID-19. Jekk ma tkunx diġà ġejt ipprovdut/a b'din l-informazzjoni mill-faċilità tiegħek, tista' ssib kopja fuq il-websajt tad-Dipartiment tas-Saħħa.
    - Qabel ma tagħti l-kunsens, int, il-familja tiegħek, il-kerers u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jistgħu wkoll jagħżlu li jikkuntattjaw staff kliniku fil-faċilità tiegħek, GP jew professjonisti oħra tas-saħħa biex jiddiskutu l-benefiċċji u r-riskji tal-vaċċinazzjoni, u jekk l-vaċċin COVID-19 tgħoddx għalik.
- L- istaff kliniku fil-faċilità tiegħek ser jiċċekkja saħħtek biex jiżgura li int tajjeb biex tirċievi l-vaċċin. Jekk il-faċilità tiegħek għandha xi tħassib dwar is-saħħa tiegħek huma jikkonsultaw GP. Tista' wkoll tagħżel li tkellem lill-GP tiegħek fi kwalunkwe ħin dwar saħħtek u l-vaċċinazzjoni COVID-19.
- Jekk tagħti l-kunsens biex tirċievi l-vaċċin COVID-19, il-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani tiegħek tirreġistrak biex tirċievi l-vaċċin. Il-faċilità tiegħek se timmaniġġja l-arranġamenti kollha għall-jum tal-vaċċinazzjoni mal-ħaddiema tal-vaċċin.
- Il- vaċċin COVID m'għandux għalfejn jiġi preskritt lilek mill-GP tiegħek.
- Għandek id-dritt li taċċessja persuna li titkellem għalik (advocate) tal-kura tal-anzjani. Dan is-servizz permezz ta' OPAN huwa b'xejn, kunfidenzjali u indipendenti mill-gvern u l-provvedituri tal-kura tal-anzjani. Il-persuni li jitkellmu għalik tal-Kura tal-Anzjani (Aged Care Advocates) fl-istat jew fit-territorju tiegħek jistgħu jiġu kkuntattjati fuq 1800 700 600 jew fuq opan.com.au.

## Fil-jum tal-vaċċinazzjoni

- Jekk biħsiebek tirċievi l-vaċċin, l-istaff kliniku fil-faċilità tiegħek se jiċċekkja biex jaċċerta ruħu li int b'saħħtek fil-jum tal-vaċċinazzjoni. Jekk tinqala' problema medika fil-jum tal-vaċċinazzjoni, il-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani tista' tikkonsulta ma' GP biex tiddetermina jekk il-vaċċinazzjoni tiegħek għandhiex tingħata jew le, jew jekk hemmx bżonn tittardja sa data aktar tard.

- Tista' tagħżel li jkollok persuna ta' sapport li tiġi fil-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani fil-jum tal-vaċċinazzjoni biex tgħinek u tissapportjak. Dan jista' jinkludi lil xi ħadd biex jittraduċi l-informazzjoni jew jipprovdi serħan tal-moħħ jekk tħossok imħasseb.

- Bħal kull vaċċin, jista' jkollok xi effetti sekondarji wara li tirċievi vaċċin COVID-19. Tagħrif dwar x'għandek tistenna wara l-vaċċinazzjoni tiegħek ser jingħatalek mill-ħaddiem kliniku li jkun qed jagħtik il-vaċċin tiegħek. Din l-informazzjoni hija disponibbli wkoll fuq il-websajt tad-Dipartiment tas-Saħħa.

- Wara l-vaċċinazzjoni tiegħek, l-istaff fil-faċilità residenzjali tiegħek tal-kura tal-anzjani ser ikunu qed jimmonitorjawk mill-qrib. Jekk tħossok ma tiflaħx wara li tirċievi l- vaċċin,ara  li tgħarrafhom.

## Żomm ruħek aġġornat b'informazzjoni ta' min jorbot fuqha

Tista' ssib aktar informazzjoni, inkluża informazzjoni tradotta fuq: Il-websajt tal-vaċċini COVID-19 tad-Dipartiment tas-Saħħa. Tista' wkoll tabbona biex tirċievi aġġornamenti tal-vaċċini COVID-19.

Inti tista' ċċempel ukoll il-Linja ta' Għajnuna Telefonika Nazzjonali tal-Coronavirus fuq 1800 020 080, u staqsi għall-interpretu jekk ikun hemm bżonn.

In-Netwerk ta' Min Jitkellem Għall-Persuni Anzjani (OPAN) (Older Persons Advocacy Network) huwa disponibbli jekk trid titkellem dwar kwalunkwe problema jew tħassib li għandek fir-rigward ta' COVID-19 jew jekk għandek bżonn għajnuna biex titkellem mall-provveditur tiegħek tal-kura tal-anzjani. Ċempel 1800 237 981, mis-6am sal-10pm (AEDT), 7 ijiem fil-ġimgħa jew ibgħat email covid@opan.com.au.